# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 3**

**Rikors numru 23/16 JPG**

**Angelo Frank Paul Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Generali**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-intimat Avukat Generali minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fit-18 ta' Mejju 2017 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet tar-rikorrent li jekk jigi estradit lejn il-Litwanja hu jsofri ksur tad-dritt fundamentali tieghu kontemplat fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u fl-Artikolu 3 tal-

Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Drittijiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u ghalhekk, ordnat it-thassir tas-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell kriminali fl-ismijiet **The Police v. Angelo Frank Paul Spiteri** moghtija fis-17 ta' Frar 2016 u tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Rimandanti fil-15 ta' Jannar 2016; bl-ispejjez a kariku tal-intimat.

Meritu

2. Dawn il-proceduri huma rizultat ta' ordni mahruga mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza moghtija fid-data fuq indikata u li giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Bil-proceduri odjerni ir-rikorrent qed jirrezisti din l-ordni abbazi tal-allegazzjoni tieghu li t-treggigh lura tieghu lejn l-istat tal-Litwanja jikser jew x'aktarx li jikser id-dritt fundamentali tieghu protett bl-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjoni fuq indikati.

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghas-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzonijiet:

> "**Karolis Liutkevicus,** avukat u espert legali minn Litwanja u *legal officer* fi hdan Human Rights Monitoring Institute jirrelata fir-rapport espert prezentat minnu a fol 274 *et seq* datat 6 ta' Mejju 2016 illi persuni mizmuma f'*pre-trial detention* jigu mizmumu f'facilitajiet specjalizzati li ghandhom l-amministrazzjoni taghhom gestita minn *detention officer*s li ma jiehux sehem fil-process investigattiv,

ghalkemm id-detenuti jistghu jittiehdu f'facilitjiet detentivi fl-istazzjonijiet tal-pulizija ghal massimu ta' hamest' ijiem sabiex jiehu sehem f'attivitajiet investigattivi. Xehed illi differenza partikolari bejn dawn ir-*remand prisons* u l-habsijiet ordinarji, li huma divisi f'*closed cells* fejn il-priguniri jqattu' l-maggior parti tal-gurnata taghhom, hi, li m'hemm l-ebda rekwizit illi l-priguniri jigu separati skont in-natura u l-gravita tar-reat illi tieghu huma suspettati.

"Rigward il-kondizzjonijiet **f'Lukiskes Remand Prison** xehed illi dan il-habs huma maghruf ghas-soprafollament, kondizzjonijiet t'ghejxien hziena u nuqqas ta' attivitajiet ghal-prigunieri. Spjega li dawn in-nuqqasijiet kien gew sottolinejati fir-rapport tal-***European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment*** **(CPT)** tal-2009, izda fil-*follow-up report* tal-2014 is-CPT enfasizzat illi kien sar ftit li xejn progress biex jitjiebu il-kondizzjonijiet f'dan il-habs, u ddeskriviet il-kondizzjonijiet f'xi celli bhala **deplorabbli**. Kompla illi anke l-ufficju tal-Ombudsman tal-Litwanja sab fl-2011 illi hemm iffullar ezagerat f'dan il-habs u nuqqas ta' spazju fic-celli li jwassal ghal kondizzjonijiet mhux igenici u nuqqas ta' privatezza. Is-Supreme Adminisrative Court tal-Litwanja ukoll sabet ksur tad-drittijiet tal-priguniri relatati ma' iffullar ezagerat u nuqqas ta' spazju fic-celli, nuqqas ta' kondizzjonijiet igenici, nuqqas ta' *plumbing* u *cell furnishing* appozitu, nuqqas ta' privatezza meta jkunu qed jintuzaw facilitajiet sanitarji u temperature baxxi wisqu fix-xitwa.

"Rigward il-kondizzzjonijiet **f'Siauliai Prison** xehed illi dan il-habs isofri mill-istess problem ta' iffullar ezagerat u kondizzjonijiet materjali hziena. Xehed li filfatt skont ir-rapport tas-CPT hemm problem kbira ta' umdita u nuqqas ta' igene, kif ukoll nuqqas ta'attivitajiet barra c-cellel tant illi l-priguniri jqattu' 23 siegha fic-cella taghhom. Xehed illi dan gie ikkonfermat ukoll mill-ufficju tal-Ombudsman tal-Litwanja u anke mill-President tar-Republika tal-Litwanja li qal li l-kondizzjonijiet li fihom jghixu l-priguneri jmorru kontra d-dinjita umana. Xehed illi l-Qrati tal-Litwanja konsistentement isibu illi l-kondizzjonijiet ta' dan il-habs jiksru d-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

"Fir-rigward ta' **Kuanas Remand Prison** xehed illi dan il-post ta' detenzjoni ghandu l-ahjar kondizzonijiet mit-tliet *remand prisons* izda xorta ghad hemm risku ta' iffullar ezagerat u skont ir-rapport tal-Ufficju tal-Ombudsman tad-9 ta' Frar 2015 hemm problema ta' iffullar ezagerat, nuqqas ta' ghamara bazika fic-cella, u nuqqas ta' attivatijiet barra c-cella. Xehed illi gew pronunzjati numru ta' sentenzi tal-Qorti ta' Litwanja li stabbilew ksur ta' drittijiet fondamentali, generalment minhabba iffullar ezagerat u nuqqas ta' spazu fic-cellel.

"Huwa kkonferma illi fic-cirkostanzi, jekk ir-rikorrenti jintbghat il-Litwanja hemm risku reali illi jaffacja kondizzjonijiet li jmorru kontra l-i*standards* tad-drittijiet umani nazzjonali u internazzjonali.

"**Angelo Frank Paul Spiteri** xehed a fol 296 *et seq* illi l-investigazzjoni fil-Litwanja fil-kaz tieghu ghada ghaddejja u filfatt il-European Arrest Warrant hareg biex huwa jigi investigat. Mistoqsi f'liema habs ser jigi allokat wiegeb li ma jafx, Xehed illi meta l-pulizija haduh biex ikellmuh bhala xhud kienu immanetjawh, xehtuh go van u sawtuh u interrogawh minghajr il-presenza ta' avukat. Xehed illi kienu zammew imsakkar f'cella ta' circa 3mx5m ghal jumejn flimkien ma' sitt persuni ohra minghajr ilma. Xehed ukoll illi jibza li fil-habs ikun soggett ghar-ritaljazzjoni minn persuni li jigu minn klijenti li kellhom konflitt mal-kumpanija tieghu, u spjega li ghandu din il-biza peress li darba minnhom meta kien mar ihallas il-polza ta' assikurazzjoni tal-karozza tieghu, grupp ta' nies kien aggredewh u filfatt kien ghamel rapport lil Pulizija.

"**Ikkonsidrat:**

"Permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu, l-Avukat Generali eccepixxa illi din il-Qorti qed tigi uzata bhala Qorti tat-Tielet Istanza peress illi l-meritu diga gie sollevat quddiem u deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

"Illi pero l-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni jipprovdi illi:

> **"[m]*eta persuna tintbagħat f'kustodja skont l-artikolu 15, il-qorti għandha, barra milli tgħarrafha li ma tkunx se titreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax-il jum mid-data tal-ordni ta' kustodja u li, ħlief fil-każ li tinbagħat taħt kustodja biex tistenna li titreġġa' lura taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, tgħarrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal- ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ"***.

"Ghalhekk jidher illi hija l-ligi stess li taghti lir-rikorrenti il-possibilita li jintavola wkoll dawn il-proceduri f'Sede Kostituzzjonali ghat-tutela tad-drittijiet fondamenali tieghu. Minn dan isegwi illi l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali hija nfondata u qed tigi respinta.

"**Ikkonsidrat:**

"Il-Qorti taghraf illi huwa principju fondamentali rikonoxxut u applikat b'mod internazzjonali illi Stat m'ghandux jordna l-estradizzjoni ta' persuna jekk din tpoggi lill-istess persuna f'riskju ta' tortura jew trattament jew piena inumana jew degradanti fl-Istat li qed jipprova jikseb l-estradizzjoni tieghu. Dan isegwi b'mod mill-iktar logiku mill-fatt illi l-garanzija kontra t-tortura jew trattament jew piena inumana jew

degradanti hija sagrosanta, tant illi l-obbligu assolut ta' Stat li jipprotegi kull individwu taht il-gurisidizzjoni tieghu minn tali trattament huwa maghruf fid-dritt internazzjonali bhala ***peremptory norm*** jew ***jus cogens***, u **cioe norma internazzjonali illi ma taghraf ebda derogazzjoni**, u inoltre din **l-projibizzjoni hija wahda mill-ftit illi joholqu obbligazzjonijiet *erga omnes* ghal kull Stat, u cioe obligazzjoni li Stat ghandu fil-konfront tal-komunita internazzjonali shiha.**[1]

"Dan huwa filfatt rifless fic-Charter of Fundamental Rights of the European Union li jipprovdi fl-Artikolu 19(2) illi:

> "**[n]*o one may be removed, expelled or extradited to a State where there is a serious risk that he or she would be subjected to...torture, or inhuman or degrading treatment or punishment***."

"Minn dan isegwi illi l-Istat ghandu l-obbligu li jassigura li ma jibghatx individwi fi Stati ohra fejn ikun hemm **risku reali** illi l-individwu jigi soggettat ghal tortura jew trattament jew piena inuman jew degradanti, u minn dan l-obbligu ma jezisti ebda eccezzjoni. Inoltre ebda Trattat, Konvenzjoni jew Strument Internazzjonali jew Regjonali ma jista' jintuza biex jizganca lil Stat mill-obbligu tieghu li jiggarantixxi protezzjoni assoluta minn tortura jew trattament jew piena inumana jew degradanti lil kull persuna taht il-gurisdizzjoni tieghu.

"Il-Qorti taghraf illi l-procedura ta' estradizzjoni permezz ta' European Arrest Warrant hija bbazata fuq il-fiducja reciproka, li tissarraf fi prezunzjoni li kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja josserva u jiggarantixxi ***common standards*** u jonora l-obbligi assunti minnu ai termini tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Pero, kif jghid Prof. Dr. Martin Bose:

> "…*there are reasons to believe that **this presumption is rebuttable** and that **a violation of human rights may suspend a Member State's obligation to recognize and execute a European Arrest Warrant** in individual cases as well*."[2]

"Dan huwa car mill-Framework Decision, li fl-Artikolu 1 (3) tipprovdi illi:

> "**[t]his Framework Decision shall not have the effect of modifying the obligation to respect fundamental rights and fundamental legal principles as enshrined in Article 6 of the Treaty on European Union**."

"Aktar minn hekk, u ta' relevanza massima fil-kaz odjern, l-istess Framework Decision tipprovdi *f'Recital 13:*

---

[1] **Prosecutor v. Anto Furundzija,** ICTY Decision of December 1998, par. 151; I.C.J. Reports, 1970, Barcelona Traction, Light and Power Company, Limited (**Belgium v. Spain**) (1962–1970), Second Phase, Judgment, I.C.J Reports 1970.

[2] M. Bose, *Human Rights Violations and Mutual Trust: Recent Case Law on the European Arrest Warrant* in S. Ruggeri [ed] 'Human Rights in European Criminal Law: New Developments in European Legislation and Case Law after the Lisbon Treaty (Springer, 2015) 136.

> "[n]***o person should be removed, expelled or extradited to a State where there is a serious risk that he or she would be subjected to the death penalty, torture or other inhuman or degrading treatment or punishment***."

"Il-Qorti tagħraf ukoll illi skont l-izvolgiment tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, l-obbligi tal-iStati Membri li jigarantixxu t-tgawdija tad-drittijiet fondamentali rikonoxxuti fil-Konvenzjoni tinvolvi obbligi kemm negattivi kif ukoll pozittivi. Fil-kuntest tal-estradizzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ahorugeze v. Sweden, datata 27 ta' Ottubru 2011,** App No: 37075/09, illi l-estradizzjoni ta' individwu minn Stat Membru:

> **"…[can]** ***engage the responsibility of that State under the Convention, where substantial grounds have been shown for believing that the person in question would, if extradited, face a real risk of being subjected to treatment contrary to Article 3 in the receiving country. The establishment of such responsibility inevitably involves an assessment of conditions in the requesting country against the standards of Article 3 of the Convention*.**"**

"Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **The Police (Inspector Sandro Zarb vs Aleksei Kostin** deciza fl-14 ta' Novembru 2011 fejn intqal illi:

> "**[t]*here is no doubt that a person who is incarcerated does not forfeit his protection to the rights guaranteed by the Convention. Prisoners are in a vulnerable position and the authorities have a duty to protect them.* …[A]*ny…country that is a signatory to the Convention, has the duty to ensure that the prison conditions are compatible with respect to human dignity. Although the deprivation of liberty brings with it an element of suffering, the prisoner is not to be subjected to unnecessary distress or hardship. An application alleging breach of Article 3 of the Convention does not require the applicant to prove that there was a positive intention to humiliate or debase him***."

"Rigward il-livell ta' prova, il-Qorti tagħraf illi fil-gurisprudenza tagħha, l-ECHR tadotta l-kriterju ta' "***proof beyond reasonable doubt***.":

> ***"…in assessing the evidence on which to base the decision whether there has been a violation of Article 3, the Court adopts the standard of proof "beyond reasonable doubt."***[3]

"Illi pero, galadarba qed tigi trattata procedura tal-Unjoni Ewropeja, il-Qorti tqis illi il-kriterju ta' prova adottat, għandu jkun dak stabbilit mis-CJEU. Fl-opinjoni mogħtija minn Advocate General Sharpston fil-kawza **Ministerul Public v Radu**, Sharpston argumentat illi l-kriterju ta' *beyond reasonable doubt* adottat mill-ECHR huwa oneruz izzejjed għall-individwu koncernat **għaliex fil-prattika dan jista' jkun**

---

[3] **Garabayev v. Russia,** ECHR 38411/02 deciza 7 ta' Gunju 2007.

**impossibbli biex jigi sodisfatt**. Ghalhekk kienet tal-opinjoni li l-ezami appozitu ghandu jkun illi l-persuna li taghha intalbet l-estradizzjoni:

> "…must persuade the decision-maker that his objections to the transfer are **substantially well founded**."[4]

"Din l-opinjoni ta' Advocate General Sharpston hija filfatt accettat mis-CJEU u l-livell probatorju ta' ***substantially well-founded*** huwa filfatt dak minnha adoperat, a kuntrarju tal-livell probatorju ta' *beyond reasonable doubt* uzat mill-ECHR, kif jidher mis-sentenza **Aranyosi and Caldararu** fejn intqal illi:

> "…*in order to ensure respect for Article 4 of the Charter in the individual circumstances of the person who is the subject of the European arrest warrant, the executing judicial authority, when faced with evidence of the existence of such deficiencies that is objective, reliable, specific and properly updated,* ***is bound to determine whether, in the particular circumstances of the case, there are <u>substantial grounds</u> to believe*** *that, following the surrender of that person to the issuing Member State, he will run a real risk of being subject in that Member State to inhuman or degrading treatment, within the meaning of Article 4*.
>
> "(…)
>
> "…***where there is objective, reliable, specific and properly updated evidence with respect to detention conditions in the issuing Member State that demonstrates that there are deficiencies, which may be systemic or generalised, or which may affect certain groups of people, or which may affect certain places of detention, the executing judicial authority must determine, specifically and precisely, whether there are substantial grounds to believe that the individual concerned by a European arrest warrant****, issued for the purposes of conducting a criminal prosecution or executing a custodial sentence,* ***will be exposed, because of the conditions for his detention in the issuing Member State, to a real risk of inhuman or degrading treatment, within the meaning of Article 4 of the Charter, in the event of his surrender to that Member State***." [5]

"Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, fid-dawl tal-principji tad-dritt tal-Unjoni Ewropeja, ghandha isegwi d-dettami tas-CJEU u l-ezami taghha f'dan il-kaz ghandu jkun:

> "1. Jekk tresqux provi li huma ***"objective, reliable, specific and properly updated"*** fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fil-Litwanja li juru li hemm nuqqasijiet sistematici jew generali li jaffettaw gruppi ta' nies jew certu postijiet ta' detenzjoni;
>
> "2. Jekk ir-rikorrent ipprovax illi fic-cirkostanzi partikolari tieghu jezistu "***substantial grounds to believe***" illi minhabba

[4] Opinion of 18 October 2012, in the Case C-396/11 (**Ministerul Public v Radu**), paras. 76-77

[5] Aranyosi and Caldararu, CJEU, C-404/15 u C-659/15 deciza 5 ta' April 2016, par. 94, 104.

dawn il-kondizzjonijiet, huwa jkun espost ghal **risku reali** ta' trattament inuman jew degradanti jekk jigi estradat.

"**Ikkonsidrat;**

"Il-Qorti rat illi r-rikorrent ressaq diversi provi rigward il-kondizzjonijiet tal-habs tal-Litwanja, in partikolari l-kondizzjonijiet fit-tliet *remand prisons* fejn jkunu detenuti persuni li jkunu ghadhom qed jigu nvestigati. Fosthom, ir-rikorrenti ressqu rapport ta' espert legali mill-Litwanja li xehed dwar il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fir-*remand prisons,* ir-rapport u *follow-up* tac-CPT, sentenza tal-ECHR u numru ta' sentenzi ta' Vilnius Regional Court fil-Litwanja.

"Minn naha tieghu, l-Avukat Generali jargumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata minnu, illi f'kawza ricenti deciza mill-ECHR fl-ismijiet **Bogdanovicius v. Litwanja,** il-Qorti ta' Strasbourg ma sabet l-ebda lezjoni tal-Artikolu 3 naxxenti mill-kondizzjonijiet ta' detenzjoni f'Lukiskes Remand Prison u Kaunas Remand Prison. Il-Qorti tqis pero illi dan l-argument tal-Avukat Generali **huwa ghal kollox infondat ghaliex ma jirriflettix ir-realta tad-decizjoni tal-ECHR**. Jirrizulta illi fil-verita **l-ECHR m'ghamlet l-ebda determinazzjoni rigward il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni f'dawn il-habsijiet, ghaliex sabet illi l-applikant kien naqas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli lilu** qabel ma ressaq l-ilment tieghu quddiemha. Ghalhekk **zgur** li din il-Qorti ma tistghax tuza din is-sentenza biex minnha tiehu xi konfort rigward il-kondizzonijet ta' detenzjoni f'dawn ir-*remand prisons.*

"L-Avukat Generali prezenta wkoll rapport redatt mill-Litwanja fl-2012 illi jelenka l-mizuri li ha l-iStat sabiex ittejjeb il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni, in linja mar-rapport u l-konkluzjonijiet tac-CPT. Pero f'dan ir-rigward il-Qorti tinnota illi l-***follow up report*** redatt **mic-CPT** juri li fil-verita, nonostante l-mizuri li ttiehdu mill-iStat, **ghad jezistu nuqqasijiet lampanti u l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni kienu ghadhom tali illi jissarfu fi trattament inuman u degradanti ghal persuni detenuti jew inkarcerati**.

"Barra minn hekk l-Avukat General prezenta ittra mibghuta lilu mill-Ministeru tal-Gustizzju tal-Litwanja fil-11 ta' Ottubru 2016, fejn il-Ministru sahaq illi l-iStat kien ilu jimplimenta mizuri biex jaderixxi mal-obbligazzjonijiet internazzjonali tieghu f'dak li jirrigwarda kondizzjonijiet ta' detenzjoni fil-habsijiet sa mill-2012 u assigura lil Avukat Generali illi l-kondizzjonijiet f'kull habs fil-Litwanja josservaw il-***minimum international standards*** u ghalhekk il-priguniri m'huma fl-ebda riskju ta' trattament inuman jew degradanti.

"Il-Qorti rat pero is-sentenza tal-Vilnius Administrative Court prezentati mir-rikorrent li jirrigwarda ilmenti maghmula minn persuni li kienu detenuti **fil-perjodi differenti bejn l-2013 u l-2016 u rat illi f'kull wahda minn dawn is-sentenzi, il-Vilnius Administrative Court**

**sabet il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni kienu tali illi jimminaw id-dinjita tal-bniedem.**

"Il-Qorti rat ukoll, u tinsab imhassba minhabba numru ta' sentenza decizi mill-ECHR fejn **instab illi hemm problema ta' vjolenza kommessa mill-pulizija fuq suspettati u priguneri, u li aghar minn hekk, dawn l-episodji ta' vjolenza ma' gewx korrettement investigati mill-iStat**. [6] M'hemmx bzonn li jinghad li l-prattika ta' vjolenza kommessa minn ufficjali pubblici fuq persuni vulnerabbli, li lanqas biss tigi nvestigata kif imiss mill-iStat, hija, *ictu oculi,* leziva tal-Art 3 tal-Konvenzjoni, u l-iStat ghandu jkun ferm kawt qabel ma jibghat persuni fi Stat iehor fejn tezisti din il-prattika sabiex jassiguraw illi jkun qed jonora l-obbligi nazzjonali w internazzjonali tieghu illi ma jesponix persuni taht il-gurisidizzjoni tieghu ghal riskju ta' trattament inuman jew degradanti.

"Mill-assjem tal-provi ghalhekk, **il-Qorti hija konvinta illi jezistu provi li huma "*objective, reliable, specific and properly updated*" illi juri nuqqasijiet sistematici fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fir-*remand prisons* tal-Litwanja li jistghu iwasslu ghall-vjolazzjoni tad-dritt ta' individwu li ma jigix assoggettat ghal trattament inuman jew degradanti**.

"**Ikkonsidrat;**

"Ghalhekk dak li ghad jrid jigi determinat huwa jekk hemmx ***substantial grounds to believe*** illi r-rikorrent innifsu jkun espost ghal **risku reali** ta' trattament inuman jew degradanti jekk jigi estradat minhabba dawn il-kondizzjonijiet.

"Il-Qorti semghat ix-xhieda mhux kontradetta tar-rikorrent illi meta kien detenut, qabel ma kien suspettat (u kien biss xhud), kien inzamm f'kondizzjonijiet simili ghal dawk indikati aktar il-fuq, u aghar minn hekk, kien gie soggettat ghal vjolenza mill-pulizija. Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita ix-xhieda tar-rikorrent, mhux biss il-ghaliex kien kredibbli u konsistenti fix-xhieda tieghu, izda ghaliex hemm korroborazzjoni rigward il-propensita tal-pulizija ghall-agir vjolenti fis-sentenzi citati tal-Qorti ta' Strasbourg.

"Barra minn hekk, il-Qorti rat ir-rapport tal-espert **Karolis Liutkevicus** illi, wara li ta spjegazzjoni dettaljata u akkurata tal-kondizzjonijiet fir-*remand prisons* li fihom sejjer jinzamm ir-rikorrent jekk jigi estradat, ikkonkluda li fil-kaz li r-rikorrent jigi estradat huwa ser jigi soggettat ghal riskju ta' trattament inuman jew degradanti. Il-Qorti tinnota f'dan ir-rigward illi l-Avukat Generali la talab il-kontro-ezami ta' dan l-espert u lanqas ma prezenta rapport ta' espert ex parte tieghu biex jirribatti r-rapport prezentat mir-rikorrenti. L-Avukat Generali pprezenta biss

[6] Vide inter alia **Krauladis v. Litwanja,** ECHR 76805/11 deciza 8 ta' Novembru 2016; **Yusiv v. Litwanja,** ECHR 55894/13 deciza 4 ta' Ottubru 2016.

komunikazzjonijiet mill-Gvern tal-Litwanja kontenenti informazzjoni li giet **ribattuta minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Litwanja stess**.

"Il-Qorti wkoll ma tistax taqbel mal-argument tal-Avukat Generali li f'dawn ic-cirkostanzi huwa ta' xi konfort illi fil-kaz li r-rikorrent jigi estradat u soggett ghal kondizzjonijiet ta' detenzjoni li jammontaw ghal trattament inuman u degradanti, huwa jista' jintavola proceduri quddiem il-Qrati tal-Litwanja ghal rimedju. Il-Qorti taghraf **illi l-obbligu tal-iStat f'dawn ic-cirkostanzi huwa li jipprevjeni** lir-rikorrent milli jigi soggettat ghal trattament inuman u degradanti. Il-fatt li l-Qrati tal-Litwanja sabu favur applikanti f'kazijiet konsimili, ma jaghtix l-assoluzjoni lill-iStat Malti biex jakkorda *ad ogni costo*, l-estradizzjoni tar-rikorrent. L-obbligu tal-iStat huwa proprju li jara li individwi taht il-gurisdizzjoni tieghu ma jigux assoggetti ghal riskju ta' trattament inuman u degradanti. Dak li qed jipproponi li jsir l-Avukat Generali huwa li r-rikorrent jigi estradat minkejja r-riskju ta' trattament inuman u degradanti li jista' jsofri, imbaghad jaraw il-Qrati tal-Litwanja meta r-rikorrenti jsofri tali trattament. Kieku l-Qorti kellha taccetta dan l-argument, tkun qed iggib fix-xejn l-obbligu assolut li ghandu l-iStat li jipprotegi l-persuni taht il-gurisdizzjoni tieghu minn trattament inuman jew degradanti fl-iStat fejn ser jigi estradat.

"Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li r-rikorrent ressaq provi sufficjient sabiex din il-Qorti tiddetermina illi hemm ***substantial grounds to believe*** illi fil-kaz li jigi estradat, ir-rikorrent ser ikun espost ghal risku reali ta' trattament inuman jew degradanti."

L-Appell

4. L-intimat jibbaza l-appell tieghu fuq erba' aggravji: [1] li d-decizjoni fis-sentenza appellata hija bazata fuq konsiderazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-parametri gudizzjarji stabbilit fir-rikors promotur; [2] li l-assikurazzjoni moghtija mill-gvern tal-istat rikjedenti ma nghatatx mill-ewwel Qorti l-piz probatorju misthoqq; [3] li ma jezistux l-estremi fattwali li jwasslu jew x'aktarx iwasslu ghall-ksur tal-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali fuq citati, jekk l-ordni ta' estradizzjoni tigi ezegwita u [4] li

r-rimedju tat-thassir tas-sentenzi tal-qrati kriminali, moghti fis-sentenza appellata, mhuwiex idoneju.

5. Ghaldaqstant l-intimat qed jitlob li din il-Qorti “thassar u tannulla s-sentenza appellata tat-18 ta’ Mejju 2017; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat”

6. Minn naha tieghu r-rikorrent permezz ta’ risposta prezentata minnu qed jitlob li din il-Qorti, ghar-ragunijiet hemmhekk spjegati, tichad l-appell tal-intimat bl-applikazzjoni kontra l-istess tal-artikolu 223[4] tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

7. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti fil-motivazzjonijiet taghha marret lil hinn mill-parametri tal-kawzali li fuqha r-rikorrent jibbaza t-talbiet tieghu, bir-rizultat li, skont hu, hu gie imcahhad mill-opportunita` li jindirizza punti sollevati ex officio minn dik il-Qorti u b’hekk gie zvestit totalment mill-opportunita` li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fir-rigward.

8. Huwa jkompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> “Illi l-Ewwel Qorti bbazzat is-sentenza taghha tista' tghid totalment fuq dak li tipprovdi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Gustizzja (CJEU) meta mir-rikors promotur jirrizulta bl-aktar mod car li dina l-azzjoni kienet esklussivament mibnija fuq allegat ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fuq l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi ghalhekk ma kinitx gjusta l-Ewwel Qorti meta ghamlet analizi fuq Trattat totalment differenti u applikat tali analizi ghal Trattat intenazzjonali iehor (filwaqt li injorat kompletament il--provvedimenti Kostituzzjonali).
>
> “Illi l-fatt fih innifsu li l-proceduri odjemi saru in segwitu ghal talba ghat-treggigh lura tal-appellat ghall-Litwanja abbazi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew ma jfissirx li dina l-azzjoni, li hija azzjoni purament ta' natura kostituzzjonali istitwita, fuq ghazla tar-rikorrenti, abbazi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, saret abbazi tal-Karta tadDrittijiet Fundamentali. IIli l-Ewwel Qorti kellha tiddeciedi l-azzjoni odjerna fil-parametri kif stabbiliti fir-rikors promotur minghajr ma tiftah u tavventura ruhha lil hin minn dak mitlub u li fl-ahhar mill-ahhar kien jifforma l-azzjoni odjerna kif imfassla mill-appellat u dan meta ma sar l-ebda accenn ghall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali la fir-rikors promotur, la fis-sottomissjonijiet miktuba u lanqas dawk orali tal-appellat quddiem l-Ewwel Qorti.”
>
> “Illi ghaldaqstant, l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma baqghetx fil-limiti tat-talbiet rikorrenti kif devoluti fir-rikors promotur tieghu u avventurat ruhha fuq kwistjonijiet li jitrattaw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali meta tali kwistjonijiet qatt ma kienu jiffurmaw parti fil-kontestazzjoni odjerna.”

9. Ir-rikorrent jilqa’ ghal dan l-aggravju billi jiccita t-talbiet li ghamel permezz tar-rikors promotur bazati fuq l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Jiccita wkoll id-decizjoni tal-ewwel Qorti, li fil-parti operattiva taghha taghmel referenza ghall-artikoli fuq indikati u li taghhom sabet ksur. Huwa jsostni li dik il-Qorti *“zammet strettament u religjozament mat-talbiet tieghu kif dedotti fir-rikors promotur u …… ma jistax jinghad li b’xi mod”* id-decizjoni hija ultra petita. Inoltre, fil-parti tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ghamlet analizi

profonda tal-provi, argumenti u kazistika sabiex waslet ghad-decizjoni taghha.

10. Jissottometti li ma hemm xejn legalment zbaljat bil-fatt li l-ewwel Qorti bdiet il-konsiderazzjonijiet taghha billi ghamlet referenza ghad-dispost tal-Artikolu 19[2] tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [il-Karta], liema artikolu hu identiku ghal paragraph 13 tal-Preambolu tal-*Framework Decision 2002/584 on the European Arrest Warrant and the Surrender Procedures between Member States.* Barra minn hekk id-dritt protett bl-artikolu u bil-paragrafu fuq indikati huwa diga` principju stabbilit mill-Qorti tal-Gustizja tal-Unjoni Ewropea f'diversi sentenzi citati mir-rikorrent. Jissenjala wkoll li l-Artikolu 4 tal-Karta fuq indikata jikkorrispondi mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

11. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-fatt li l-Karta tad-Drittijiet u l-*Framework Decision* ma ssemmewx espressament fir-rikors promotur ma kienx ta' impediment ghall-ewwel Qorti li taghmel referenza ghalihom u tapplikahom fejn huma relevanti ghal dak mitlub mir-rikorrent, *multo magis* meta dawn jittrattaw l-istess principju li fuqu huma bazati t-talbiet tar-rikorrent, li huwa dak li persuna ma tigix estradita fejn jirrizultaw "substantial grounds"[7] li l-estradizzjoni tar-rikorrent lejn il-Litwanja tesponih ghal riskju reali ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-

[7] Infra

Konvenzjoni. Fi kliem iehor, il-fatt li ligi ma tissemmiex fir-rikors guramentat ma hux ta' ostakolu ghall-Qorti li tapplikaha kemm-il darba dik il-ligi tkun fil-parametru ta' dak premess u mitlub fir-rikors promotur u tkun kwazi identika ghall-artikolu/i hemm citati.

12. Fil-kaz odjern jirrizulta car li l-parametri tal-azzjoni gudizzjarja intentata mir-rikorrent hija bazata fuq l-allegazzjoni tieghu li l-esekuzzjoni tal-ordni tal-estradizzjoni tieghu lejn l-istat tal-Litwanja hija vjolattiva tal-Artikoli 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni fuq citati u ghalhekk, kemm il-Karta kif ukoll il-*Framework Decision* huma relevanti ghall-materja in dizamina. Barra minn hekk hija flokha l-konsiderazzjoni li, minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2016[8] ir-rikorrent ipprezenta kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fl-ismijiet kongunti **Pal Aranyosi**[9] **u Robert**[10] **Caldararu**, ma saret ebda oggezzjoni da parti tal-intimati li ssir referenza ghaliha. F'din is-sentenza li titratta dwar l-Artikolu 4 tal-Karta li hu identiku ghall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, kif ukoll titratta dwar l-*Framework Decision* li hi bazata fuq "*the principle of mutual regonition which…. constitutes the cornerstone of judicial cooperation in criminal matters*"[11], dik il-Qorti taghmel referenza espressa ghall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni paragunat mal-Artikoli 1 u 4 tal-Karta. Ukoll, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar id-

[8] Vol.2 – Fol.292 et seq.
[9] Nru.C-404/15
[10] Nru.C-659/15 PPU
[11] Para.79

doveri tal-iStati Membri naxxenti mill-Artikolu 3 issostni l-argument taghha billi inter alia taghmel referenza ghall-kazistika tal-Qorti Ewropeja[12] u tghid:

> "90…. It follows from the case-law of the EctHR that Article 3 ECHR imposes, on the authorities of the State on whose territory an indivdual is detained a positive obligation to ensure that any prisoner detained in conditions which guarantee respect for human dignity, that the way which detention is enforced does not cause the indivdual concerned distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering that is inherent in detention and that, having regard to the practical requiremnts of imprisonment, the health and well-being of the prisonder are adequately protected *[see judgment of the EctHR in Torreggiani and Others v Italy, Nos 43517/09 …. Of 8 January 2013 para.65]"*

13. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li, kif jirrizulta manifest mill-parti operattiva tas-sentenza, l-ewwel Qorti ma eccedietx il-parametri tal-azzjoni, dettati mill-premessi u mit-talbiet u, inoltre, din il-Qorti ma tarax kif bil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-principji kontenuti fiz-zewg strumenti legali fuq indikati l-intimat seta' sofra l-pregudizzju allegat minnu.

14. Barra minnhekk l-ewwel Qorti, apparti mill-konsiderazzjonijiet maghmula minnha dwar il-Karta, il-*Framwork Decision* u decizjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja, ghamlet referenza u ccitat ukoll kazistika tal-Qorti fi Strasburgu, senjatament il-kaz **Ahorugeze v. Sweden**[13] li

[12] QEDB
[13] QEDB, 27/10/2011; App No 37075/09

bazikament addotta l-principju enuncjat minn dik il-Qorti fil-kawza **Soering v. UK**[14] li ser tigi iccitata aktar 'il quddiem f'dan il-gudizzju.

15. Ghaldaqstant dan l-aggravju m'huwiex gustififkat u qed jigi michud.

*It-Tieni u t-Tielet Aggravju*

16. It-tieni aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tistrih kompletament fuq dak li *"issejjah bhala rapport ex parte minghajr ma tat id-dovut konsiderazzjoni lill-assikurazzjoni bil-miktub moghtija mill-Gvern tal-Litwanja dwar il-kundizzjonijiet fil-habs tal-Litwanja...... filwaqt li kkritikat lill-[intimat] li ma gabx provi sabiex ixellef [dak] ir-rapport ex parte"*. L-intimat isostni li hu kien gab l-ahjar prova konsistenti fid-dikjarazzjoni mahruga mill-Gvern tal-Litwanja li hu l-istat rikjedenti u dan l-element ta' prova kellu jinghata piz qawwi in vista tal-*" principju bazilari ta' fiducja reciproka li tezisti f'dan il-qasam."*

17. Hu kompla jispjega:

> "Illi t-thaddim tal-ligijiet li jirregolaw l-estradizzjoni u l-Mandat ta' Arrest Ewropew huma bbazati fuq il-fiducja reciproka li tapplika bejn l-Istati u dan aktar u aktar meta qeghdin nitrattaw Stati Membri tal-Unjoni Ewropeja. Illi l-Ewwel Qorti, filwaqt li tat hafna piz lil rapport *ex parte*, li min-natura tieghu ta' *ex parte* jigbed u jirrifletti l-posizzjoni ta' min ikun

[14] Para 30

ikkommissjonah u dan minghajr ma' l-Ewwel Qorti talbet li tali rapport jigi mahluf quddiemha, fl-istess hin injorat totalment l-assikurazzjonijiet moghtija mill-Gvern tal-Litwanja. Illi ghalhekk, filwaqt li l-Ewwel Qorti tirrikonoxxi lprincipju ta' fiducja reciproka fl-istess waqt tiddipartixxi totalment minn tali principju u minflok ma tat il-piz dovut lill-assikurazzjoni moghtija mill-Gvem tal-Litwanja, tista' tghid ghamlet taghha rapport redatt minn persuna kkumissjonata mill-appellat.

"Illi anke fl-analizi tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi prodotti mill-appellat (kemm dokumentali kif ukoll dawk viva voce), lanqas biss ghamlet riferenza ghall-provi dokumentarji li tressqu mill-esponenti u dan meta d-dikjarazzjoni moghtija mill-Gvem tal-Litwanja bl-ebda mod ma giet imxxellfa. Il-fatt li kien hemm sentenzi mill-Qorti Amministrattiva tal-Litwanja bl-ebda mod ma jrendi tali habsijiet vjolattivi tad-drittijiet fundamentali. Illi dak li juru dawk is-sentenzi huwa li hemm rimedju ordinarju li wiehed jista' juza jekk ihoss li kien hemm xi nuqqas fil-habsijiet li rrekalu inkonvenjent izda b'daqshekk ma jfissirx li l-habsijiet fil-Litwanja jilledu d-drittijiet fundamentali tal-individwu. Illi l-appellat ghalkemm ipprezenta numru ta' sentenzi moghtija mill-Qrati Amministrattivi tal-Litwanja ma mexxilu jipproduci l-ebda sentenza moghtija mill-Qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali tal-Litwanja li sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Illi certament dan il-fattur kellu jittiehed in kunsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti izda minflok, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li gialadarba insabu xi nuqqasijiet mill-Qrati Amministrattivi tal-Litwanja allura dan iwassal ghall-lezjoni taddrittijiet fundamentali tal-individwu.

"Illi l-esponenti huwa tal-fehma li tali konkluzjoni kienet pjuttost frettoluza da parti tal-Ewwel Qorti tenut kont tal-fatt li, minkejja xi nuqqas li seta' gie ravvizat mill-Qrati Amministrattivi tal-Litwanja, tali nuqqas ma wassalx ghall-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali."

18. Ir-rikorrent jirribatti ghal dan l-aggravju billi jissottometti li mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti traskurat l-assikurazzjoni moghtija mill-gvern tal-Litwania. Qari tas-sentenza appellata juri li l-ewwel Qorti kkunsidrat ir-rapport redatt mill-gvern tal-Litwania fis-sena 2012[15] u kkunsidrat ukoll l-ittra mibghtu mill-Ministeru tal-Gustizzja tal-Litwanja fil-11 ta' Ottubru 2016, izda l-ewwel Qorti, tenut kont ta' dak deciz mill-*Vilnius Regional Administrative Court* fil-Litwania rigwardanti s-sitwazzjoni ta' detenuti fil-

[15] Sentenza Appellata - Pg.14

perjodi differenti bejn is-snin 2013 u 2016, kif ukoll in-numru ta' sentenzi decizi mill-Qorti Ewropea dwar episodji kommessi mill-pulilzija fuq suspettati u prigunieri u li ma gewx korrettement investigati mill-istat, waslet ghall-konkluzjoni li *"hija konvinta illi jezistu provi li huma 'objective, reliable, specific and properly updated' illi juri nuqqasijiet sistematici fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fir-remand prisons tal-Litwanja li jistghu jwasslu ghall-vjolazzjoni tad-dritt [protett bl-artikolu 3]"*[16]

19. Din il-Qorti tosserva li, kemm ghar-rigward tar-rapport *ex parte*[17] li gie prezentat mir-rikorrent u li kien sar fuq talba tieghu, kemm ghar-rapport tal-*European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment* [CPT][18] kif ukoll ghall-assikurazzjonijiet bil-miktub moghtija mill-gvern tal-Litwanja, dawn id-dokumenti ma gewx konfermati bil-gurament, izda, tenut kont tal-procedura specjali tal-estradizzjoni fejn il-Qorti Ewropea[19] osservat li l-istat rimandanti jista' jgib il-provi *moto proprio,* l-ewwel Qorti setghet tiehu konjizzjoni ta' dawk id-dokumenti bhala elementi ta' prova. Naturalment, li kieku r-rapport *ex parte* kien konfermat bil-gurament mill-awtur tieghu kien ikun izjed f'loku; l-istess konsiderazzjoni tapplika ghar-

[16] Ibid.
[17] Vol.2 – Foll.274 *et seq.*
[18] Fi hdan il-Kunsill tal-Ewropa
[19] ECHR Garabayev v Russia, deciz 7 Gunju 2017, para. 74; Ara wkoll Q. Kost. Abdul Hakin Hassan Abdulla et v. Ministru tal-Gustizzja u Intern et 28/6/2013 #43-44; Q. Kost. Dilek Sahan et v. Ministru tal-Gustizzja u l-Intern et, 22/2/2013, H22.

rapport redatt mill-gvern tal-Litwanja. Min-naha l-ohra pero` l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-rapport ex parte *huwa* sostanzjalment bazat fuq sentenzi tas-*Supreme Administrative Court of Lithuania* moghtija fis-sena 2016 u ghalhekk isib sostenn adegwat f'dawk is-sentenzi. Barra minnhekk il-kontenut ta' dak ir-rapport mhux talli ma giex kontrastat izda talli jsib konfort fil-kumplament tal-provi li jsostnu t-tezi tar-rikorrent.

20. Dwar l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, jirrizulta li l-provi li kellha quddiemha dik il-Qorti wassluha ghall-konkluzjoni li l-prova tal-assikurazzjoni bil-miktub moghtija mill-gvern tal-Litwanja tinsab imdghajjfa minn elementi ta' prova li jffavorixxu t-tezi tar-rikorrent u ghalhekk wasslu li dik il-Qorti li taccetta l-provi mressqa minnu in sostenn tal-allegazzjonijiet tieghu. Dik il-Qorti ibbazat il-konkluzjoni taghha fuq tlett fatturi principali, li huma: [1] li, minkejja r-rapport redatt mill-gvern tal-Litwanja fis-sena 2012 in segwitu ghar-rapport tal-[CPT] redatt fis-sena 2009, ftit li xejn sar progress dwar il-kundizzjonijiet fil-habs; [2] li, wkoll minkejja dak ir-rapport, il-*Vilnius Regional Administrative Court* b'sitt sentenzi moghtija f'Jannar 2017 sabet vjolazzjonijiet tal-Artikolu 3 li sehhew fil-habsijiet tal-Litwanja u li jirreferu ghall-perijodu li jestendi sas-sena 2016 u, [3] ix-xhieda *viva voce* tar-rikorrent li, kif ikkonstatat mill-ewwel Qorti, kienet mhux biss "kredibbli u konsistenti" izda hija korroborata mill-vjolazzjonijiet ravvizati f'kazijiet

ohra dwar il-kondizzjonijiet ta' certu postijiet ta' detenzjoni, mill-imsemmija qorti amministrattiva fil-Litwanja.

21. Rigward l-ewwel fattur, din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghar-rapport tas-CPT ezebti[20] mir-rikorrent u li jirrigwarda l-ispezzjonijiet li saru mill-kumitat bejn is-27 ta' Novembru u l-4 ta' Dicembru 2012 u li gie publikat fis-sena 2014. Din il-Qorti ezaminat dan ir-rapport, li ma giex kuntrastat, minn fejn jirriuzulta li l-kondizzjonijiet materjali[21] fir-remand prisons hemm indikati huma vjolattivi tad-dritt protett bl-Artikolu 3. Dan ir-rapport ikkonstata li f'diversi postijiet ta' detenzjoni hemm cellel zghar ta' anqas minn 3.6 metri kwadru ghal kull detenut uhud minnhom minghajr access ghal arja naturali u ventilazzjoni adegwata[22], affollament fic-cellel u li *"overcrowding constitutes a major challenge"*[23], kondizzjonijiet ta' igene baxxi, trattament abuziv mill-membri tal-istaff fuq id-detenuti kif korroborat mir-records medici[24], nuqqas adegwat ta' *out of cell* activities b'detenuti jkunu awtorizzati johrogu biss ghal siegha kuljum[25], kazjiet frekwenti ta' vjolenza bejn id-detenuti[26] u nuqqas ta' prison staff[27].

[20] Fol.43 et seq.
[21] Pg.65
[22] Pg.61
[23] Pg.14
[24] Pg.62
[25] Pg.67
[26] Pg.64
[27] Pg.74

22. Dan kien l-ahhar rapport tas-CPT pubblikat rigwardanti s-sitwazzjoni fil-postijiet ta' detenzjoni fil-Litwanja. Mill-provi jirrizulta li, ghalkemm kien sar rapport iehor dwar spezzjonijiet mill-istess kumitat f'Settembru 2016, dan ir-rapport ghadu ma giex pubblikat u f'ittra datata 28 ta' Ottubru 2016[28] b'response ghat-talba maghmula mill-gvern Malti b'ittra datata 11 ta' Ottubru 2016, il-gvern tal-Litwanja jghid li r-rapport ta' dik l-ispezzjoni huwa kunfidenzjali u ghalhekk ma jistax jaghtih informazzjoni dwaru. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tistrih fuq il-konkluzzjoni tar-rapport redatt fis-sena 2012 u pubblikat fl-2014.[29]

23. Dwar it-tieni fattur, il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mid-diversi sentenzi ezebiti fil-process u moghtija mill-*Vilnius Regional Administrative Court* tal-Litwanja f'Jannar 2017, jirrizulta car li, minkejja l-assikurazzjoni moghtija mill-Gvern tal-Litwanja f'ittra datata 28 Gunju 2016 li *"prison overcrowding problem is not actual since 2015"*[30], jirrizulta li bejn Frar 2015 u 2016 kienet ghadha tezisti fil-Lukiskes Prison *"violation of space requirement"* u *"violation of the prescribed Lithunainan Hygiene Standard"*[31]. L-istess nuqqas ta' spazju adegwat u ta' igene gew ravvizati mill-istess Qorti bejn is-snin 2014 u 2016 u li dan

---

[28] Vol.3 – Fol.350

[29] Din il-Qorti tirrileva li, ghalkemm fl-imsemmija ittra l-awtoritajiet kompetenti tal-Litwanja jghidu li r-rapport tas-CPT dwar l-ispezzjonijiet li saru f' Settembru 2016 "is expected to be finalized towards the end of May 2017", sad-data tallum dan ir-rapport ma jinsabx fl-atti tal-kawza u ma saritx talba lil din il-Qorti ghall-prezentata ta' dan ir-rapport ulterjuri.

[30] Vol.2 – Fol.348

[31] Ref.1325-463/2017

kien tal-grad li jwassal ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.[32] F'sentenza ohra dik il-Qorti sabet li bejn Frar u Marzu tas-sena 2016, tenut kont tal-ispazju inadegwat ghal kull persuna fic-cellel, kien hemm nuqqas ta' ghamara [table and chairs] li ma kienx jippermetti li l-applikant dejjem ikollu l-opportunita' li jiekol bilqeda, u inoltre ma kienx hemm privatezza fl-uzu tal-facilitajiet sanitari. Dik il-Qorti osservat li kien hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.[33]. L-istess nuqqas ta' spazju inadegwat gie ravvizat minn dik il-Qorti f' kawza ohra fejn osservat li *"it should be noted that European Court of Human Rights has held that lack of space can be regarded as a breach of Article 3 of the Convention [see Trepashdin vs Russia, decided 16th December 2010, and Logothetis et v Greece, decided 15th September 2015].*[34]

24. Fil-kaz *Mironovas and Others v Lithuania,*[35] il-Qorti Ewropea rravvizat vjolazzjoni tal-Artikolu 3, fir-rigward ta' uhud mill-applikanti, b'referenza ghar-rapport tas-CPT dwar viziti mill-kumitat li kienu saru fis-snin 2008 u 2012[36] f'certu postijiet ta' detenzjoni senjatament il-*Lukiskes Remand Prison* u *Siauliai Remand Prisons*. F'dan tal-ahhar, dik il-Qorti osservat, b'referenza wkoll ghar-rapport tas-CPT redatt wara l-ispezzjonijiet li saru fis-sena 2012, li *"such impoverished conditions of*

---

[32] Ref.572 – 171/2017 u wkoll 559-171/2017 fejn l-istess Qorti wkoll ikkonstatat li kien vjolazzjoni tal-art.
[33] Ref.1175-244/2017
[34] Ref.1112-463/2017
[35] Deciz 8 ta' Dicembru 2015
[36] Para.67-69

*detention, especially as regards hygiene and access to the toilets, coulples with episode of overcrowding can without doubt be regarded as giving rise to a breach of article 3..”*[37]

25. Dwar it-tielet fattur, din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma’ lir-rikorrent jixhed viva voce u, ghar-ragunijiet fuq indidkati, waslet ghall-konkluzjoni li ghandha taghti affidament lil verzjoni tieghu tal-fatti allegati minnu.

26. Fid-dawl ta’ dan, din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti li, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li wasslet ghaliha.

27. Fir-rikors tieghu l-intimat jissenjala wkoll li, fl-ordinament guridiku tal-Litwanja jezisti rimedju ordinarju li wiehed jista’ jirrikorri ghalih f’kaz ta’ allegazzjoni ta’ vjolazzjoni tal-Artikolu 3 fil-konfront tieghu. Ikompli jfisser hekk din il-parti tal-aggravju:

> “Il-fatt li kien hemm sentenza tal-qrati amministrattivi tal-Litwanja jkompli jipprova li s-sistema adoperata fil-Litwanja hija sistema li tahdem u li tiggarantixxi t-tharis ta’ kundizzjonijiet ta’ livell gholi fil-habsijiet. It-thassib kien ikun li kieku jkun hemm nuqqasijiet li ma jigux indirizzati. Madankollu, il-fatt lil hemm sistema li tahdem fil-Litwanja tiggarantixxi kundizzjonijiet tajbin fil-habsijiet ma tistax tintuza kontra l-istess sistema…”

[37] Para.150

28. L-intimat jiccita estensivament mill-kaz **Bagdonavicius v. Lithuania**[38] fejn il-Qorti Ewropea skartat l-ilment tal-applikant a bazi tal-Artikoli 35[1] u [4] tal-Konvenzjoni, ghax naqas milli jezawrixxi r-rimedju ordinarju li kellu quddiem il-qrati amministrattivi tal-Lithuanja.

29. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li, fic-cirkostanzi tal-kaz il-premess ma jistax ikun ta' konfort ghat-tezi tal-intimat favur l-estradizzjoni, ghax dak li tehtieg tezamina l-Qorti rimandanti huwa jekk hemmx <u>riskju</u> reali li r-rikorrent ser isofri vjolazzjoni fid-dritt fundamentali tieghu jekk jigi estradit.

30. Kif osservat mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Soering v. United Kingdom** deciz 7 ta' Lulju 1989 ir-responsabbilita` tal-istat ghal ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni hija naxxenti:

> "... ... ... where substantial grounds have been shown for believing that the person concerned, if extradited faces a real risk of bieng subjected to ill-treatment in the requesting country. The establishment of such responsibility involves an assessment of conditions in the requesting country against the standards of article 3 of the Convention. Nonetheless, there is no question of adjudicating on or establishing the responsibility of the receiving country. In so far as any liability under the Convention is or may be incurred, it is liability incurred by the extraditing Contracting State by reason of its having taken action, which has as a direct consequence the exposure of an individual to proscribed ill-treatment."[39]

31. Dak il-kaz gie citat mill-High Court of Justice in Northern Ireland fil-kaz **Lithuania v. liam Campbell**, deciz fit-22 ta' Frar 2013, li strahet

[38] Appl.41252/12, deciz 19 April 2016
[39] Para.91 – Ara wkoll ECHR Garabayev v Russia, deciz 7 Gunju 2017

fuq il-principji hemm enuncjati u osservat li l-ezami li ghandu jsir mill-Qorti rimandanti hu *"whether there is sufficient evidence of a cogent nature to establish substantial grounds for believing that the requested person would face a real risk of being subjected to treatment contrary to Article 3 if removed to the relevant State in Lithuania." The responsibility of the contracting state is to safeguard him against such treatment in the event of expulsion."*[40]

32. Fi kliem iehor, minkejja li fil-ligi tal-Litwanja hemm rimedju sabiex jindirizza ilmenti ta' detenuti, fejn jigu ravvizati cirkostanzi li jghatu lok ghall-vjolazzjoni tal-Artikolu 3 u wkoll il-fakolta` li dawn jinghataw danni non-pekunjarji, il-fatt jibqa' li dan ma jezonerax necessarjament lill-istat Malti mir-responsabbilita` jekk fil-fatt issehh vjolazzjoni meta hemm *"cogent evidence"* ta' riskju reali li dak id-dritt kien x'aktarx ser jigi vjolat u meta l-kumpens moghti mill-qrati domestici ma jkunx adegwat. F'kaz bhal dan, l-applikant, minkejja r-rimedju domestiku, xorta wahda ma jitlifx l-istatus ta' vittma li jaghtih id-dritt li jipprocedi kontra l-istat rimandanti. Il-principji relevanti fir-rigward gew delineati mill-Qorti Ewropea bil-mod segwenti fil-kaz **Mironovas and Others v. Lithuania**, b'referenza ghall-kaz **Scordino v. Italy** [GC] Appl.36813/97:

> "84. The Court summarised the principles governing the assessment of an applicant's victim status ……. In so far as relevant to the case under consideration, they are: (a) in accordance with the subsidiarity principle, it falls first to the national authorities to redress any alleged

[40] F' dan il-kaz dik il-Qorti rrifjutat l-estradizzjoni tal-konvenut lejn il-Litwanja

> violation of the Convention. In this regard, the question whether an applicant can claim to be a victim of the violation alleged is relevant at all stages of the proceedings under the Convention; (b) a decision or measure favourable to the applicant is not in principle sufficient to deprive him of his status as a “victim” unless the national authorities have acknowledged, either expressly or in substance, and then afforded redress for, the breach of the Convention; (c) the applicant’s ability to claim to be a victim will depend on the redress which the domestic remedy will have given him or her; (d) the principle of subsidiarity does not mean renouncing all supervision of the result obtained from using domestic remedies, otherwise the rights guaranteed by the Convention would be devoid of any substance. In that connection, it should be reiterated that the Convention is intended to guarantee not theoretical or illusory rights but rights that are practical and effective (see Shilbergs v. Russia, no. 20075/03, § 67, 17 December 2009).”[41]

33. Ghalhekk l-ezistenza ta’ rimedju domestiku ma jeskludix a priori d-dritt eventwali tar-rikorrent li jadixxi lill-Qorti fi Strasburgu jekk issehh fil-konfront tieghu vjolazzjoni tad-dritt fundamentali protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

34. Din il-Qorti tosserva li mir-rapport CPT u min-numru ta’ vjolazzjonijiet li gew ravvizati mill-qrati tal-Litwanja jirrizulta li hemm riskju reali li r-rikorrent waqt li jkun detenut mill-awtoritajiet ta’ dak il-pajjiz isofri vjolazzjoni tad-dritt tieghu protett bl-Artikolu 3 u ma jistax validament jinghad li l-istat Malti m’ghandux evidenza bizzejjed sabiex jipprevedi li dak jista’ jsehh. Huwa ta’ relevanza kbira f’dan ir-rigward dak li l-gvern tal-Litwanja ddikjara fl-ittra datata 28 ta’ Ottubru 2016[42] fis-sens li mhuwiex fil-pozizzjoni li jindika lill-Gvern Malti l-post ezatt fejn ir-rikorrent jiskonta l-piena karcerarja kemm-il darba hu jinstab hati ta’ xi

[41] Para.85
[42] Vol.2 – Fol.350

akkuzi li jistghu jigu dedotti kontra tieghu, stante li dan il-fattur jigi deciz mill-qorti li tkun iggudikatu. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti hija valida l-konsiderazzjoni li ma jistax jigi eskluz li r-rikorrent jitqieghed go habs jew f'parti minn habs fejn id-dritt fundamentali tieghu taht l-Artikolu 3 jigi vjolat; *multo magis,* fil-kaz, bhal tar-rikorrent, fejn dan jista' jintbaghat go wiehed mir-*remand prisons* matul l-investigazzjonijiet u fejn ir-riskju tal-vjolazzjoni tad-dritt tieghu huwa aktar reali. Dan ikompli jzid mal-grad tar-riskju li dan id-dritt fundamentali tieghu jigi vjolat, u jimmilita kontra dak sottomess mill-intimat li, ghax fil-kaz **Mironovas and Others v. Lithuania** l-Qorti Ewropea ma sabitx lezjoni tal-Artikolu 3 meta l-applikant kien mizmum go Pravieniskes 2nd Correctional Home u tal-Vilinius Corectional Home[43], allura tali riskju ma jezistix.

35. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tosserva li, minkejja li huwa minnu li l-qasam legislattiv tal-estradizzjoni huwa bazat fuq il-fiducja reciproka li tezisti bejn l-istati, ir-riskju reali li persuna tissubixxi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghha protett bl-artikolu precitat jipprexxindi mill-kuncett tal-fiducja reciproka, u ghandu jipprevali fuq l-istess, anke ghax jista' jattira r-responsabbilita` tal-istat rimandanti.

36. Fit-tielet Aggravju l-intimat jilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex taddotta l-livell probatorju fuq bazi ta' *substantially well founded*

[43] Izda sabet lezjoni relattiva ghall-kundizzjonijiet tal-habsijiet Pavieniskes Correctional Home, tal-Lukiskes Remand Prison u tal-Siauliai Remand Prison.

stabbilita mill-CJEU imma kellha taddotta l-kriterju li trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna *"intense physical and mental suffering."* [Tekin v. Turkey, deciza 9 Gunju 1989].

37. Skont l-intimat, kuntrarjament ghal dak ravvizat mill-ewwel Qorti, mill-provi prodotti huwa manifest li r-rikorrent ma rnexxielux jipprova li prezentement hemm xi ordni li tassoggettah li jintbaghat f'xi habs partikolari. Mix-xhieda tar-rikorrent stess jirrizulta kjarament li l-ilment tieghu huwa bazat fuq supposizzjonijiet, jigifieri fuq il-fatt li huwa jahseb li l-kundizzjonijiet fil-habsijiet tal-Litwanja huma hziena. Tali nuqqas kellu jwassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni li tichad l-ilment tar-rikorrent in linea ma' diversi sentenzi li l-Qorti Ewropea ddikjarat bhala inamissibbli stante li ma giex pruvat li l-allegazzjoni maghmula kienet wahda certa.

38. L-intimat isostni li biex jigi vjolat id-dritt protett fl-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali fuq citati, jehtieg li jigi ravvizat riskju reali ta' vjolazzjoni u mhux mera possibilita`. Fix-xhieda tieghu r-rikorrent jistqarr li *"All I know is that there's many precedent cases from other stories, but not anyone I personally know."*[44] L-istess konsiderazzjoni

[44] Dep. 16 Gunju 2016

tapplika ghall-biza li r-rikorrent ghandu li, waqt li jkun arrestat, huwa jigi aggredit minn persuni li jkunu wkoll il-habs.

39. L-intimat jissenjala li sabiex tikkonfigura vjolazzjoni tal-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali jehtieg li t-trattament jilhaq livell ta' severita` gholi, liema fatt ma giex konstatat mill-ewwel Qorti. Barra minhekk, jirrizulta li wara r-rapport tal-*Kumitat tal-Prevenzjoni tat-Tortura tal-Kunsill tal-Ewropa* kienu saru diversi emendi fil-ligi tal-Litwanja sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet hemm ravvizati. Kien hemm ukoll riformi li saru fil-habsijiet sabiex il-Litwanja tottempera ruhha mar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-istess kumitat.[45] Ukoll, kif espress mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Bagdonavicius v. Lithania**[46], l-ordinament guridiku tal-Litwanja jipprojbixxi *"inhuman and degrading treatments of prisoners in the sense of Article 3."*[47] u joffri rimedji ordinarji adegwati ghall-ilmenti da parti ta' persuni fil-habs li jilmentaw b'success minn ilmenti simili ghal dawk li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent jew ahjar li qed jibza li jsehhu fil-konfront tieghu – u dawn apparti mir-rimedji kostituzzjonali u konvenzjonali fejn applikabbli.

40. L-intimat ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Il-fatt li kien hemm sentenzi tal-qrati amministrattivi tal-Litwanja jkompli jipprova li s-sistema adoperat fil-Litwanja hija sistema li tahdem u li

[45] Korrispondenza datata 3 Awwissu 2016 [Dok.AG.2]
[46] Appl.41252/12, deciz 19 ta' April 2016
[47] Ibid. para 38

tiggarantixxi t-tharis ta' kundizzjonijiet ta' livell gholi fil-habsijiet. Illi t-thassib kien ikun li kieku jkun hemm nuqqasijiet li ma jigux indirizzati. Madankollu, il-fatt li hemm sistema li tahdem fil-Litwanja u li tiggarantixxi kundizzjonijiet tajbin fil-habsijiet ma tistax tintuza kontra l-istess sistema: dak li gie pruvat huwa li hemm sistemi effettivi li huma fis-sehh liema sistemi huma accessibbli ghal kulhadd minghajr restrizzjoni u joffru livell ta' garanzija gholja u protezzjoni lill-persuni li jkunu f'detenzjoni u jekk b'xi mod jkun hemm nuqqas fid-detenzjoni tali nuqqas jigi rimedjat f'qasir zmien."

41. Ir-rikorrent jirribatti ghal dan l-aggravju billi jissottometti li fil-kaz **Bagdonavicius v. Lithuania**, il-Qorti Ewropea ma dahlitx fil-meritu tal-kaz stante li kien hemm disponibbli ghall-applikant rimedju quddiem il-qrati amministrattivi. Ghalhekk dan il-kaz ma jistax jittiehed bhala fattur li jimmilita kontra t-tezi tar-rikorrent proprju ghax il-meritu ma kienx gie ezaminat. Jaghmel ukoll referenza ghal dak li osservat il-Qorti Ewropea fil-kaz **Mironovas v. Lithania** li jirreferi ghal perjodi li jestendu mis-sena 2005 sas-sena 2012, deciz fit-8 ta' Dicembru 2015.

42. Din il-Qorti, fl-ewwel lok, tibda bl-osservazzjoni li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea[48] m'huwiex element necessarju sabiex tikkonfigura vjolazzjoni tal-Artikolu 3 li jkun hemm l-intenzjoni da parti tal-istat li jikkawza t-trattament degradanti, imma huwa bizzejjed jekk il-kundizzjonijiet fil-habs jaqghu taht il-livell minimu ta' dak li huwa accettabbli. Fil-kaz **Kudla v. Poland [GC]**[49] il-Qorti Ewropea osservat hekk:

[48] ECHR **Peers v Greece, Savenkovas v. Lithuania**, Appl.871/02, deciza 18 Novembru 2008
[49] Appl. 30210/96 paras.92-9

> "The court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with the given form of legitimate treatment of punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The state must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the executional measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that given the practical demands of imprisonment his health and well-being are adequately secured."

43. Fil-kaz odjern dak li ghandu jigi determinat huwa jekk hemmx "substantial grounds" li ghandhom iwasslu ghall-konkluzjoni li l-estradizzjoni tar-rikorrent tesponihx ghar-riskju reali ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 3 fil-konfront tieghu. Kif gja` fuq osservat, b'referenza partikolari ghar-rapport tas-CPT u l-kaz **Moronovas v. Lithuania**, l-ewwel Qorti kellha elementi ta' provi sufficjenti sabiex ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Barra minn hekk il-fatt li l-awtoritajiet tal-Litwanja ma identifikawx il-post specifiku fejn ir-rikorrent seta' jkun detenut, kemm matul l-investigazzjonijiet kif ukoll wara li talvolta jinstab hati u jinghata piena karcerarja, jimmilita bil-qawwa favur il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti, stante li ma jista' jsir ebda skrutinju mill-Qorti Rimandanti fir-rigward; dan jirrendi inadegwata l-assigurazzjoni generali moghtija mill-gvern tal-Litwanja.

44. Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

*Ir-Raba' Aggravju*

45. Dan huwa fis-sens li skont l-intimat huwa risaput li f'azzjoni kostituzzjonali/konvenzjonali, f'kaz ta' vjolazzjoni r-rimedju li ghandu jinghata huwa dak dikjaratorju, filwaqt li t-thassir tas-sentenzi kriminali bhala rimedju fil-kaz odjern mhuwiex wiehed xieraq, stante li ma kienx hemm nuqqasijiet f'dawk il-proceduri li jwasslu ghat-thassir taghhom u ghalhekk, ladarba *"il-lezjoni ravvizata mill-ewwel Qorti kienet naxxenti mill-ezekuzzjoni tal-ordni u mhux mill-proceduri per se ….. l-ilqugh tal-lanjanzi tar-[rikorrent] kellu jfisser se mai li l-ordni ta' treggigh lura tibqa' fis-sehh."*

46. Min-naha tieghu r-rikorrent jirribatti bis-sottomissjoni li, gjaladarba stabbiliet illi hu ma jistax jintbaghat il-Litwanja minhabba li x'aktarx ser jsofri ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, l-ewwel Qorti kellha ta' bilfors tannulla d-decizjonijiet u s-sentenzi li wasslu sabiex tinghata ordni li l-esponent jintbaghat il-Litwajna u, minghajr l-ordni tat-treggieh lura, ir-rikorrent ma jistax jibqa' detenut abbazi tal-Mandat ta' Arrest Ewropew innifsu ghaliex il-hrug ta' dan il-mandat ma jimponix fuq l-istat rimandanti li l-persuna mfittxija ghandha tigi detenuta, anzi, kif jirrizulta mill-Framework Decision persuna li tkun arrestata abbazi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew *"may be released provisionally at any time in conformity with the domestic law of the executing Member State, provided that the*

*competent authority of the said Member State takes all the measures it deems necessary to prevent the person absconding."*

47. Ir-rikorrent isostni li, ladarba l-ordni ma tistax tigi esegwita, jekk ir-rikorrent jibqa' mizmum f'detenzjoni dan ikun qed jigi mizmum *"il-habs indefinittivament, arbitrarjament u minghajr ebda prospett illi jinheles u dan meta, kif osservat l-ewwel Qorti ….. sabiex l-awtoritajiet tal-Litwan ja jisaqsuh dak li ghandhom isaqsuh ghall-fini tal-investigazzjoni taghhom, huwa semplici u possibbli li jibghatu ittra rogatorjali ghal dan l-ghan."*

48. Din il-Qorti tibda billi tirreferi ghal dak sostnut mill-Qorti Ewropea fil-kaz *Miranovas*[50] fuq citat li f'kaz ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni mhuwiex rimedju bizzejjed ghall-lezjoni subita. Fil-kaz odjern, ladarba l-ordni tat-treggieh lura ghadha ma gietx esegwita r-rimedju ewlieni ghandu jkun dak tat-thassir tal-ordni bil-konsegwenza li r-rikorrent jigi mmedjatament mehlus mill-kustodja.

49. Ghaldaqstant dan l-aggravju m'huwiex gustifikat u qed jigi michud.

---

[50] Para.155

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell u tordna li r-rikorrent jigi mehlus mill-kustodja immedjatament, bl-ispejjez a karigu tal-intimat appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df